# Beati u Qaddisin ...Frar

## 6 ta' Frar San Pawl Miki u shabu

Kienu sitta u ghoxrin martri li hallew hajjithom ghal Kristu. Maghrufa wkoll bhala il-martri ta’ Nagaski jew tal-Gappun. San Frangisk Saverju gab l-Ahbar it-Tajba fil-Gappun fis-sena 1549. Hafna kienu li kkonvertew u tghammdu sahansitra minn idejn il-qaddis. Ghalkemm Frangisku miet fuq ix-xtut tac-Cina, il-fidi fil-Gappun kibret u sas-sena 1587 il-fidili zdiedu sew fin-numru. Il-fidi kompliet tissahhah meta missijunarji minn Ordnijiet religjuzi ohra inghaqdu biex flimkien ikomplu jxerrdu il-Kelma ta’ Alla. Fis-sena 1597 , 45 sena wara il-wasla ta’ Frangisku Saverju fil-Gappun, ufficcjal Gappuniz li kellu setgha kbira fil-pajjiz kien imxewwex minn merkant Spanjol li dahhalu f’mohhu li dawn il-missjunarji kien tradituri tal –Gappun. Deffislu f’mohhu li l-Gappun ghad jispicca taht il-qawwa ta’ l-Ispanjoli u il-Portugizi. Dan kien kollu falz u qerq. Bhala l-ewwel pass Hideyoshi arresta 26 persuna li kienu jinkuldu sitt Frangiskani minn Spanja, Messiku u l-Indja, tlett katekisti Giswiti tal-post, inkluz San Pawl Miki u nsara ohra fosthom tfal.



Haduhom barra Nagasaki biex inehhuluhom hajjithom. Kienu marbuta ma' slaleb bil-kordi u kjatten .Ma ghonqhom kellhom mdawra crieki tal-hadid. Waqfu kull salib u nifdu kull wiehed minnhom bil-lanez. Mietu mad-daqqa. Il-hwejjeg imcappsa bid-demm kienu tezor kbir ghall-kommunita nisranija tal-lokal u sehhew mirakli bl-intercessjoni ta' dawn il-martri.  Waqt li kienu qed imutu, San Pawl Miki heggeg lil hutu martri biex jibqghu shah sa l-ahhar. Kienu pproklamat qaddisin mill-Papa Piju IX fis-sena 1862 .